MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 11/2014

Joseph **Mallia Milanes (368538m)**

**vs**

**Josephine Vassallo**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat ta' Joseph Mallia Milanes:

1. Illi r-rikorrenti hu s-sid tal-fond residenzjali bin-numru 25 gja 23, St. Peter & St. Paul Street, Senglea u dana skond atti ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Pubbliku Joseph Tabone datat 6-10-2011 (Dok A);

2. Illi l-imsemmi fond kien moghti lill-intimata fis-sena 1996 min-naha tal-Gvern ta' Malta wara ordni ta' rekwizizzjoni, b'kera ta' mija u sitta u tmenin Ewro u sitta u tletin centezmu (Eur186.36) tithallas kull Jannar ta' kull sena;

3. Illi l-imsemmi fond hu illum derekwizizzjonat (Vide Dok C, D u E) u r-rikorrent fl-ebda stadju ma irrikonoxxa lill-intimata bhala l-inkwilina tal-imsemmi fond u per konsegwenza u skond il-ligi illum m'hemm l-ebda relazzjoni guridika ta' lokazzjoni bejn il-kontendenti fil-kawza odjerna;

4. Illi permezz t'ittra gudizzjarja datata 30-11-2012 (Dok B) u ohra datata 11-10-2013 (Dok B2) debitament innotifikati, ir-rikorrenti interpella lill-intimata skont il-ligi li hu m'ghandu l-ebda intenzjoni li jgedded tali lokazzjoni u li l-istess intimata m'ghandha l-ebda jedd li ggedded tali lokazzjoni skont il-ligi billi llum il-ligi ma taghiha l-ebda jedd li twettaq dan u dana ghar-ragunijiet suesposti;

5. Illi ghalhekk fil-jum tal-presentata tal-presenti kawza, l-intimata qieghda tiddetjeni l-imsemmi fond minghajr ebda titolu fil-ligi u dana billi illum m'hemm l-ebda lokazzjoni;

6. Illi r-rikorrent kellu jressaq din il-kawza billi l-intimata baqghet inadempjenti, anzi qieghda ssostni li hija dejjem hallset fil-hin li m'ghandu x'jaqsam xejn minn ottika legali dwar dak li qed issostni r-rikorrent fil-kawza odjerna;

7. Illi ghalhekk l-intimata fil-kawza odjerna m'ghandha l-ebda linja difensjonali x'taghti in konyto-trattazzjoni ghat-talba tar-rikorrent u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kollha ikkontemplati fl-Art 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta halli din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob li dan il-Bord joghgbu;

1. Tilqa' t-talba ghall-izgumbrament tal-intimata minghajr ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza;

2. Tordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond residenzjali bin-numru 25 gja 23 St. Peter& St. Paul Street, Senglea.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata u bl-ingunzjoni tal-intimata minn issa ghas-subizzjoni.

B'riserva minn issa ghall-azzjoni in linea ta' danni fil-konfront tal-intimata ghall-okkupazzjoni illegali taghha.

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn wara li semgha lill-partijiet l-Bord kien tal-fehma illi l-intimata ma kellha l-ebda eccezzjoni valida x'taghti skond il-ligi;

Ra l-atti kollha tal-kawza kompriz l-affidavit tar-rikorrenti;

Ra illi din il-kawza si tratta ta’ kirja kostitwa fis-sena 1996 li ghalhekk mhix protetta bil-ligi specjali Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta wara li skada t-terminu tal-koncessjoni;

Ra illi l-intimata inkwilina kienet debitament infurmata li ma kienitx ser tiggedded il-kirja wara li jiskadi l-perjodu lokattiv u kien dan li wassal lill-Bord li ma kien hemm ebda eccezzjoni x’tinghata fil-ligi;

Ghal dawn il-motivi, r-rikors jimmerita li jkun milqugh bid-dispensa tas-smiegh u konsegwentement tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta’ zgombru l-Bord qed jipprefigi zmien sittin (60) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------